MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI) GHAWDEX

## MAGISTRAT DR. MICALLEF TRIGONA ANTONIO LL.D., MAG., JURIS (EU LAW)

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2002

Avviz Numru. 106/1998/1

Avviz numru 106/1998

Anthony u Frances konjugi Bugeja

-vs-

Alexandra Grech

Il-Qorti;

Rat l-avviz ta' l-atturi fejn talbu li l-konvenuta tigi kkundannata thallas lill-atturi dik is-somma li tigi likwidata minn din l-Onorabbli Qorti rapprezentanti danni minnhom sofferti konsegwenza ta' incident stradali li gara fl-erbgha (4) ta'Awissu ta' l-elf disa' mija u tminja u disghin (1998) fi Triq Mgarr, Ghajnsielem, Ghawdex bejn vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittra XXX-069 misjuqa mill-konvenuta u vettura bin-numru ta' registrazzjoni ittri JAV-178 appartenenti lill-atturi u dan previa d-dikjarazzjoni li l-

istess incident gara unikament minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta’ tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenuta.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja mibghuta fl-1 ta’ Settembru 1998 u ta’ l-ittra ufficjali spedita f’Settembru 1998 u dik pprezentata kontestwalment ma’ dan l-avviz lill-kumpanija assikuratrici.

Il-konvenuta mharrka ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa qed tigi ngunta.

Ghall-fini ta’ kompetenza jigi ddikjarat li l-valur mertu ta’ din il-kawza ma jaccedix il-hames mitt lira Maltija (Lm500).

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuta li eccepiet illi d-domandi attrici huma infondati fid-dritt u fil-fatt in kwantu illi ghall-incident in kwistjoni tahti unikament u esklussivament l-attrici Frances Bugeja minhabba sewqan traskurat u negligenti kif ukoll minhabba nuqqas ta’ osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;

Salvi eccezzjonijeit ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Ezaminat ix-xhieda.

Rat il-verbal tat-13 ta’ Gunju 2002.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkunsidrat:

Illi llum stess il-Qorti tat sentenza rigwardanti l-istess kollizzjoni fl-ismijiet inversi fl-avviz numru 115/1998. Konsegwenti ghal dik is-sentenza, fejn din il-Qorti sabet li l-kollizzjoni grat unikament tort Frances Bugeja, (l-attrici f’din il-kawza), qeghdha tichad it-talbiet taghha bl-ispejjez ta’ din il-kawza kontra taghha.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur